# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 1625/2019 MH**

**Illum, 17 ta' Diċembru, 2019**

**Mizan Abul Kalam (Passaport nru. BH0851471)**

**vs**

**Hannan Abdul (ID 75508A)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Mizan Abul Kalam tat-22 ta' Novembru 2019** li permezz tiegħu ġie premess:

*"Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimat milli*

***Ikompli jopera l-ħanut bl-isem 'Ideal Shop' li jinsab Numru 36, triq il-Kappillan Mifsud, il-Hamrun kif ukoll milli jittrasferixxi bi kwalsijasi mod merkanzija u oġġetti li jinsabu ġewwa l-istess ħanut.***

*Dan għaliex:*

*L-esponenti jokkupa* ***b'titolu ta' kera*** *flimkien mall-intimat il-ħanut Numru 36, triq il-Kappillan Mifsud, il-Hamrun u dan kif inhu indikat fil-kuntratt ta' lokazzjoni hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';*

*Illi l-esponenti flimkien mal-intimat għal-ħabta ta' Ottubru tas-sena 2017 daħlu f'arrangament* ***flimkien bħala sħab*** *sabiex joperaw u jiġġestixxu l-ħanut bl-isem 'Ideal Shop' li jinsab Numru 36, triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun. Dan l-arrangament kien wieħed verbali. Illi skond dan il-ftehim l-intimat kellu jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' kuljum ta' dan in-negozju;*

*Illi reċentement u cioe' għall-ħabta ta' Mejju 2019, l-intimat* ***abbużivament waqaf jgħaddi sehem mil-profitti*** *ta' dan in-negozju li kienu jispettaw lil esponenti skond il-ftehim ta' bejniethom. Barra minn hekk, l-esponenti fix-xhur ta' qabel Mejju 2019 beda josserva illi l-intimat qed* ***jonqos milli jgħatti rendikont*** *tal-ġestjoni tan-negozju;*

*Illi bejn Ġunju u Lulju 2019 saru diversi konsenji ta' merkanzija u oġġetti għall-ħanut de quo u dan kif evidenzjat fil-fatturi hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. B, Dok. Ċ, Dok. D u Dok. E' għal-liema fatturi* ***l-intimat għadu ma***

***ħallasx skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet****.* *Minkejja dan kollu l-istess intimat xorta proċeda u għadu sal-ġurnata tal-lum qed ibiegħ tali oġġetti mil-ħanut u* ***japproprija għalieh kull introjtu****.*

*Illi di piu' jiġi riavviżat illi l-intimat għall-ħabta ta' Lulju 2019* **ipprekluda għal-kollox** lil esponenti ***milli jaċċedi ġewwa l-ħanut*** u l-istess esponenti beda *jirċievi* **diversi theddid** *serju mingħand l-intimat u familjari oħra tal-intimat sabiex ma jersaqx lejn il-ħanut. Illi di fatti reċentement l-esponenti għamel* **rapport mal-Pulizija** *(bir-referenza 6/M/2909/2019) peress illi rċieva serje ta'* ***theddid fuq ħajtu*** *mingħand  l-intimat u mingħand ħu l-intimat.*

*Illi dan kollu qed jikkawża lill-esponenti* ***preġudizzju lampanti*** u **danni ingenti** *mhux biss għax qed ikun eskluż kompletament mill-ġestjoni tan-negozju u mhux qed jingħaddielu sehmu mil-profitti, iżda ukoll peress illi hu għandu* **responsabbiltajiet in solidum mal-intimat** *fir-rigward ta' dan in-negozju. Illi l-esponenti għal dawn ir-raġunijiet (fost oħrajn) ser isofri* ***preġudizzju*** **irrimedjabbli** *jekk l-intimat ma jiġix hekk inibit.*

*Illi in* **oltre** *l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li pendenti l-għoti ta' digriet finali, jogħġobha tilqa' t-talba tal-esponenti provisorjament ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija."*

Rat id-dokument anness mar-rikors.

Rat **ir-risposta tal-intimat tad-29 ta' Novembru 2019**[1] permezz ta' liema huwa oppona għat-talba tar-rikorrent kif ġej –

*"Illi l-esponenti qieghed jikkontesta l-mandat odjern u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti Mizan Abul Kalam trid turi li ghandha interess guridiku u locus standi f'dawn il-proceduri stante li qed tibbaza l-pretensjoni taghha unikament fuq kuntratt ta' kera, u f'liema kuntratt m'hemm ebda' inidikazzjoni ghar-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet li l-attrici qed tallega li tezisti bejn il-partijiet;*

*Illi l-unika raguni ghaliex ir-rikorrenti kienet imnizzla fuq il-kuntratt ta' kera hija li l-intimat ma' jifhimx sew bil-lingwa Ingliza u ghaldaqstant ipprefera li fuq il-kirja jkun hemm ukoll isem l-attrici u dan bl-unika skop li jaghmel il-komunikazzjoni bejnu u bejn sid il-kera aktar facili;*

*Illi fil-fatt, il-ftehim sottomess mill-attrici huwa ftehim baziku ta' kirja kommercjali li ma' jaghmel l-ebda' referenza lejn relazzjoni kummercjali jew ftehim iehor bejn l-attrici u l-intimat;*

*Illi fil-fatt, minbarra din il-kirja isem l-attrici ma' jidher fuq l-ebda dokument iehor marbut mal-hidma tal-hanut merti tal-kawza, ossia l-hanut bl-isem 'Ideal Shop' fl-indirizz 36, Triq il-Kappillan Mifsud, il-Hamrun;*

[1] Fol 19 et seq

*Illi ghaldaqstant, huwa car illi l-attrici m'ghandha l-ebda' interess prima facie fin-negozju gestit mill-intimat;*

*Illi l-intimat kien jiggestixxi dan il-hanut wahdu u qatt ma' kien hemm ftehim mal-attrici biex biex din tippartecipa b'xi mod f'dan in-negozju jew tiehu parti mill-profitt. Illi hija tassew stramba kif l-attrici qed tallega li kien hemm biss ftehim verbali bejn il-partijiet u kif din ma' nsistietx biex dan il-ftehim isir bil-miktub, imqar b'forma ta' skrittura privata bejn il-partijiet stess;*

*Illi aktar minn hekk, l-Artikolu 1233 tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta jaqra hekk:*

> *1233. (1) Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi, espressament,taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taht piena ta' nullità –*
>
> *(a) il-ftehim li jkun fih weghda ta' trasferiment jew ta'akkwist, taht kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni immobbli jew ta' jedd iehor fuq dawk il-beni;*
>
> *(b) il-weghdiet ta' self ghall-uzu jew mutuum;*
>
> *(ċ) il-garanziji;*
>
> *(d) it-transazzjoni;*
>
> *(e) il-kiri ta' immobbli ghal żmien ta' izjed minn sentejn ghal dak li hu bini, jew minn erba' snin, ghal dak li hu raba';*
>
> ***(f) is-socjetajiet civili**; u*
>
> *(g) ghall-finijiet tal-Ligi dwar il-Weghdiet ta' Zwieg, kull weghda, kuntratt jew ftehim hemm imsemmija.*

*Illi dan l-artikolu inehhi kull dubju dwar jekk l-allegazzjoni tal-attrici hux sostanzjata jew le, hekk kif il-ligi stess permezz ta' dan l-artikolu tistipula illi ftehim ta' shab dejjem ghandu jkun bil-miktub;*

*Illi fil-fatt, l-intimat huwa shab fin-negozju ma' terza persuna, bl-isem ta' Mashuk Miah, detentur tal-Karta ta' Residenza Maltija Numru 82818A, liema ftehim sar bil-miktub quddiem in-Nutar Dr. Nicholas Charles Vella u datat 17 ta' Awwissu 2018 skond l-Artikolu 1233 (f) tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta;*

*Illi dan il-ftehim, li qed jigi anness ma' din ir-risposta u mmarkat bhala* ***Dok. AH 1****, juri kif l-ispejjez u l-profitt minn dan il-ftehim kellhom jinqasmu biss bejn l-intimat u Mashuk Miah. Illi dan gie konfermat ukoll f'emenda ghal dan il-ftehim, liema emenda hija datata 31 ta' Ottubru 2019 u li saret quddiem l-istess Nutar Dr. Nicholas Charles Vella fejn gie stipulat kif l-ispejjez u l-profitti kellhom jigu maqsuma b'mod ugwali bejn il-partijiet sopracitati. Illi din l-amenda wkoll qed tigi annessa ma' din ir-risposta u qed tigi mmarkata bhala* ***Dok. AH 2****;*

*Illi fir-rikors tal-attrici, jinghad kif allegatament l-intimat waqaf jaqsam il-profitti minn dan in-negozju f'Mejju tal-2019. Illi dan jikkuntrastja bil-kbir mal-ftehim sopracitat u mmarkat bhala Dok. AH 1 li ma' jaghmel ebda' referenza lejn l-attrici u l-pretensjonijiet taghha;*

*Illi barra minn hekk, il-Profit and Loss Account tal-hanut jaghmel referenza cara ghal fatt li is-shab f'dan in-negozju huma l-intimat u Mashuk Miah, kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala* ***Dok. AH 3****;*

*Illi qabel ma' dahal fis-sehh il-ftehim bejn il-partijiet sopracitati, il-Profit and Loss Account tal-hanut kien johrog unikament fuq isem l-intimat, kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala* ***Dok. AH 4****;*

*Illi l-intimat qed jipprezenta wkoll kopja tal-licenzja tal-impjieg tieghu valida sas-sena 2021, liema dokument huwa mmarkat bhala **Dok. AH 5** u kopja tac-Certifikat tal-VAT immarkat bhala **Dok. AH 6**;*

*Illi l-intimat dejjem hallas il-kera tal-hanut hu stess, kif jidher mill-ircevuti mmarkati bhala **Dok. AH 7**;*

*Illi l-attrici minn naha taghha ma' pprezentat l-ebda' dokument biex tissostanzja l-allegazzjonijiet taghha u dan kollhu juri kif l-attrici m'ghandiex fuqiex tibbaza t-talbiet taghha;*

*Illi ghalhekk, l-allegazzjoni tal-attrici li hi kienet qed tippartecipa fin-negozju tal-intimat bi shab hija ghal kollox infondata u minghajr ebda' bazi legali;*

*Illi aktar minn hekk, huwa tajjeb li ssir referenza lejn l-Artikolu 873 tal-Kap 12, liema artikolu jghid hekk:*

> *873. (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*Illi minhabba li l-attrici qed isserrah it-talba taghha minhabba li allegatament hija ghandha ftehim ta' shab mal-intimat, huwa difficli li wiehed jara kif qed jigu protetti d-drittijiet taghha jekk l-intimat jigi ordnat milli jieqaf jiggestixxi l-hanut. Illi l-istess attrici lanqas biex ikkwantifikat ammont ta' kemm qed tistenna mill-profitti li qed isiru fil-hanut u ghaldaqstant huwa fatt illi jekk tintlaqgha t-talba tal-attrici ser jigu pregudikati l-interessi finanzjarji kemm tal-attrici kif ukoll tal-intimat;*

*Illi rigward l-allegazzjoni tal-attrici li l-intimat ircieva diversi konsenji li baqghu mhux imhallsa, l-intimat jixtieq jissolleva l-punt li dawn il-fatturi m'humiex iffirmati u ghaldaqstant jitqajmu mistoqsijiet serji dwar il-veracita' ta'*

*dawn id-dokumenti, specjalment meta wiehed jikkunsidera l-kwantita' tal-prodotti u l-valur taghhom;*

*Illi anka' kieku stess id-dokumenti prezentati mill-attrici huma awtentici, il-fatturi kollha prezentati huma fuq isem l-intimat, u dan ghaliex in-negozju huwa tal-istess intimat u l-attrici m'ghandha ebda' sehem fih u ghaldaqstant huwa cert li d-decizjonijiet dwar dan in-negozju m'humiex f'idejha;*

*Illi barra minn hekk, l-allegazzjoni li l-intimat ipprekluda ghal kollox l-access tal-intimata ghal-hanut mertu tal-kawza u li ghamel theddid serju fil-konfront tal-attrici hija allegazzjoni esagerata u l-intimat mar mill-ewwel l-Ghassa tal-Pulizia tal-Imsida meta gie msejjah biex jirrispondi ghal dan ir-rapport u ghamel dan minn rajh;*

*Illi ghaldaqstant l-intimat jixtieq jaghmel referenza ghal rapport li huwa ghamel fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, liema rapport igib in-numru 7/P/4875/2019 u liema rapport sar wara li l-attrici hadet ammont ta' flus mir-residenza tal-intimat u siefret bihom. Illi dan ir-rapport ghadu ma' giex konkluz u l-investigazzjonijiet necessarji ghadhom ghaddejjin;*

*Illi r-rikors tal-attrici kien intiz biss sabiex iharbat in-negozju tal-intimat, u ma' sar ghall-ebda' raguni ohra ghajr li tfixkel lill-istess intimat milli jaqla l-ghixien tieghu;*

*Illi ghaldaqstant, ghar-ragunijiet sopracitati, huwa car illi l-attrici mhi qed issofri l-ebda' pregudizzji u danni, anzi, l-unika pregudizzji u danni li qed jigu sofferti huma mill-intimat minhabba r-rikors frivolu ntavolat mill-attrici;*

*Illi ghaldaqstant, l-intimat jitlob umilment biex din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba tal-attrici ghal hrug tal-mandat odjern, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjonijiet.

**Ikkonsidrat.**

Illi a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tagħmel ampja referenza għal diversi provvedimenti mogħtija f' dan ir-rigward u jiġi riaffermat illi f' dawn il-proċeduri l-eżami li jrid isir mill-Qorti huwa limitat sal-grad ta' prima facie, mad-daqqa t'għajn.

Għalhekk il-jedd valutat mhux biss irid ikun wieħed eżistenti imma lir-rikorrenti juri li prima facie għandu dan il-jedd. Oltre hekk rekwiżit ieħor ieħor, kumulattiv ma' dawk gia msemmija mhux alternattiv, eżaminat mil-lat oġġettiv, jinħtieġ lir-rikorrenti juru wkoll li dan il-mandat hu meħtieġ biex ma jsofrux preġudizzju irrimedjabbli.

Tqies il-Qorti illi hemm kuntratt ta' kera fuq il-fond de quo, kera li tgħajjat liż-żewġ partijiet.

F' dan ir-rigward jekk l-intimat għandu xi jgħid fuq il-kuntratt ta' kera, u min hu marbut bih, hawn mhux il-forum fejn tiġi ndirizzata din l-eċċezzjoni.

Da parti tiegħu r-rikorrenti jinsisti fuq ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet dwar il-ġestjoni tal-ħanut imsemmi u l-qsim tal-profit ġenerat.

Il-Qorti tara wkoll li ġie esebit lilha partnership agreement issa bejn Abdul Hannan u M.D. Mashuk Miah (fol.27 Dok AH 1).

Tqies ukoll li ma jidhrux li hu kkontestat b' mod ċar illi r-rikorrenti qattx irċieva flus minn negozju. Jgħid biss l-intimat illi tali aspettattiva ta' qsim ta' profitti jikkontrasta ma' ftehim li l-istess għandu ma' Mashuk Miah.

Il-Qorti tara wkoll illi mhux kontestat illi l-partijiet it-tnejn huma kerrejja tal-fond, ħanut indikat. Pero' tqies li l-iskuża ta' l-intimat lir-rikorrenti kien biss preżenti fuq il-ftehim ta' kirja biss minħabba l-limitazzjoni tiegħu fil-konoxxenza tal-Lingwa Ingliża, bħala waħda ferm u ferm fjakka. Għal assistenza bħal din ma kien hemm ebda raġuni biex ir-rikorrenti jipparteċipa fi ftehimta' kirja! Dan huwa mad-daqqa t' għajn inverosimili.

**Konsegwentement il-Qorti qegħda tilqa' t-talba kif dedotta u tordna l-ħruġ tal-mandat mitlub bi spejjeż għall-intimat.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**